**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 245/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Matthew Grech**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Matthew Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 114202L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Settembru 2020, għall-habta ta' 00:45hrs ġewwa l-Park and Ride, Pembroke, saq vettura Nru. MAT273:

i. B'manjiera traskurata Art. 15(1)(a)(3), Kap. 65
ii. B'manjiera perikoluza Art. 15(1)(a)(2), Kap. 65
iii. B'manjiera bla kont Art. 15(1)(a)(2), Kap. 65
iv. Bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor Art. 338(m), Kap. 9

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, filwaqt li ddikjarat ir-raba' (4) akkuża (Kap. 9 Art. 338(m)) preskritta, illiberat lill-imputat mit-tieni (2) akkuża (Kap. 65 Art. 15(1)(a)(2))

stante li din ma tirriżultax, u sabitu ħati fuq predoperanza ta' provi tal-ewwel (1) (Kap. 65 Art. 15(1)(a)(3)) u it-tielet (3) akkużi (Kap. 65 Art. 15(1)(a)(2)). In vista ta' dan, immultatu somma ta' €100 u skwalifikatu mill-liċenzja tas-sewqan għal zmien tlett (3) xhur kif ukoll imponiet tlett (3) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appellant, Matthew Grech, ppreżentat fl-20 ta' Lulju 2021, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellant mit-tieni (2) imputazzjoni in kwantu huwa akkużat bir-reat fl-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u mir-raba' (4) imputazzjoni in kwantu huwa akkużat ai termini tal-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkanċella f'dik il-parti li sabet ħtija; u/jew
2. F'kaz li sentenza tibqa' invarjata, tingħata piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti meta sabitu ħati li saq b'mod traskurat u bla kont. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma setgħu qatt iwasslu lill-Ewwel Qorti tilħaq dak il-konvinċiment morali li fuq sejset il-ħtija għal dawn iż-żewġ imputazzjonijiet. Għal dan il-għan, billi dan l-aggravju huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-

konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti kenitx waħda raġjonevolment u legalment valida[1].

Illi eżaminati mill-ġdid l-atti probatorji u dan sabiex jiġi mistħarreġ l-ewwel ilment ventilat mill-appellant jirriżulta illi l-uniċi provi prodotti fil-proċeduri odjerni jammontaw għall-*affidavit* redatt minn PC 1461 A. Bray, *affidavit* redatt minn WPC 376 Y. Buttigieg u t-testimonjanza ta' l-appellant Matthew Grech. Fl-*affidavits* in kwistjoni, il-Pulizija t-tnejn li huma jgħidu li nhar id-29 ta' Settembru 2020, għall-ħabta tas-00:45am, irċevew telefonata fejn ġew infurmati illi ġewwa ż-żona magħrufa bħala l-*Park & Ride* ta' Pembroke kien hemm xi vetturi li kienu qed itellqu. Dawn iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija għalhekk, in segwitu għal dan ir-rapport, rrikorrew fuq il-post fejn innutaw tlett vetturi ħdejn xulxin u ftit wara semgħu lil xi ħadd jgħid il-kliem "*3,2,1, Go*". Ma' dan il-kliem, il-vetturi ħarġu jtellqu gewwa dina ż-żona kontra xulxin, fejn sussegwentement ġew imwaqqfa. Waħda minn dawn il-vetturi li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni MAT-273 irriżulta li kienet qed tiġi misjuqa propju mill-appellant.

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellant jagħti verzjoni dijametrikament opposta minn dik li taw il-Pulizija. Huwa xehed li dakinhar tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien fil-kumpanija ta' xi ħbieb. Dawn xtraw xi oġġetti ta'l-ikel u marru jieklu l-istess ġewwa l-vetturi tagħhom fiż-żona tal-*Park & Ride* ġewwa Pembroke. Jgħid li kif lestew, huma ddeċidew li jduru dawra bil-vetturi tagħhom u dana peress li kienu għadhom kemm ġabu l-liċenzji tas-sewqan. Jinnega li huwa saq bil-mod u l-manjiera kif allegat mill-Pulizija, u jinnega ukoll li hu u s-sewwieqa tal-vetturi l-oħra kienu qed itellqu. Fl-aħħarnett, huwa ppreżenta sett ta' dokumenti mmarkati bħala Dok. MG1, Dok. MG2 u Dok MG3, fejn jispjega li dawn l-istess dokumenti huma *screenshots* ta' sistema mdaħħla fil-vettura tiegħu mill-kumpanija ta'l-assikurazzjoni tiegħu, liema

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

sistema tnaqqaslu ħames punti kull darba li jaqbeż veloċita' ta' 80 kilometru fis-siegħa. Huwa żied jgħid li mill-*iscreenshots* in kwistjoni huwa evidenti li ma tnaqqsulu ebda punti u li għalhekk huwa ma kienx qed isuq bi *speed* għoli dakinhar tal-inċident in kwistjoni.

Illi qabel kull konsiderazzjoni oħra l-Qorti tosserva li tali dokumenti jikkonsistu fi *printouts* li qatt ma ġew awtentikati jew ikkonfermati mill-kumpanija ta'l-assikurazzjoni li allegatament installat din is-sistema fil-vettura tal-appellant. *In oltre*, il-Qorti tosserva li d-Dokument MG3 huwa nieqes ukoll mid-data ta' meta allegatament ittieħdet l-*iscreenshot* rappreżentata fih, filwaqt li d-Dokumenti MG1 u MG2, għalkemm jindikaw data, ma jindikawx għal liema vettura qegħdin jirreferu. Illi għalhekk dawn d-dokumenti ċertament ma jammontawx għall-aħjar prova li l-appellant seta' iressaq sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu sal-grad tal-probabbli u dan għaliex ma jikkostitwux prova li ittieħdu fil-gurnata indikata fl-akkuża u li wkoll jirreferu għall-vettura misjuqa mill-appellant. Il-Qorti ma tista' teżerċita ebda kontroll fuq il-kontenut tad-dokumenti, dokumenti li fuq kollox huma nieqsa mill-prova dwar l-awtentiċita' u l-veraċita' tagħhom, biex b'hekk lanqas ma jista' jkollhom xi valur probatorju.

**Ikkunsidrat:**

Illi nieqsa għalhekk kwalunkwe prova indizzjarja jew korroborattiva tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet, kollox jistrieħ fuq il-kwistjoni ta' kredibbilta' u attendibbilita' ta' dak dikjarat mix-xhieda u dan ghaliex l-appellant qed jiċħad kategorikament dak kollu li ġie akkuzat bih mill-Pulizija. *In primis*, jiġi premess għalhekk illi –

> ***"meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti ... jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.[2]"***

[2] Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Settembru 2002, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara

Illi l-Qorti tosserva li wieħed mill-kriterji li jrid jittieħed in konsiderazzjoni meta tkun qed issir valutazzjoni tal-kredibbilita' *o meno* ta' xhud huwa propju l-interess ulterjuri li wieħed jista' jkollu sabiex jixhed bil-mod li jkun xehed. Fil-proċeduri odjerni, ix-xhieda in kwistjoni huma minn-naħa l-waħda zewġ uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija li qegħdin jirrakkontaw verżjoni ta' fatti b'mod oġġettiv, u l-appellant minn-naħa l-oħra li qed jirrakkonta verżjoni ta' fatti kompletament differenti. Din il-Qorti tqis li l-uffiċjali tal-Pulizija ċertament li ma kellhom ebda interess li ma jixhdux is-sewwa – huma kienu fuq il-post tal-inċident u xehdu dwar dak li raw u semgħu huma stess u jikkorroboraw ix-xiehda ta' xulxin. Jgħidu li semgħu il-kliem *"3,2,1, Go"* u raw il-vetturi, inkluża dik tal-appellant, itellqu. Minn-naħa l-oħra, l-appellant ma jressaq ebda prova sabiex jissostanzja din il-verżjoni għajr illi eżebixxa sett dokumenti li lanqas biss ġew ikkonfermati minn min installa s-sistema fil-vettura tiegħu.

Illi, l-appellant jilmenta illi l-*affidavits* tal-Pulizija qajla fihom dettalji fuq dak li ġara dakinhar tal-inċident. Illi *in materia* ta' prova li ssir permezz tal-proċedura tal-*affidavit*, l-artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi hekk fit-rigward *affidavits* ppreżentati fi proċeduri sommarji bħal dawk odjerni –

***(1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:***

***Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558***

***Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-***

***persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.***

***(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.***

Illi, mill-Atti Proċesswali ma jirriżultax li l-appellant talab sabiex PC 1461 u/jew WPC 376 jittellgħu jixhdu in kontro-eżami sabiex jiġu mistoqsija dwar l-allegati nuqqasijiet fl-*affidavits* tagħhom. Isegwi li ġaladarba dan ma sarx, ai termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali appena ċċitat, l-*affidavits* ppreżentati mill-istess uffiċjali tal-Pulizija jikkostitwixxu prova tal-kontenut tagħhom bl-istess mod daqslikieku l-imsemmija xhieda xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat:**

L-appellant jikkontesta s-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti għar-reat tas-sewqan bla kont u traskurat. Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud", deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997, ġie ddefiniet bl-aktar mod sempliċi u ezawrenti l-import tat-terminu '*sewqan traskurat*' komunement magħruf bl-Ingliz bħala '*negligent driving*'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta għall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Minn naħa l-oħra "sewqan bla kont", u ċioe "*sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji*".

L-Imħallef Flores fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mamo"[3], ukoll fisser id-definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li –

> ***Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.***

Illi, il-Pulizija li rrikorrew ġewwa l-*Park & Ride* ta' Pembroke fis-sigħat bikrin tad-29 ta' Settembru 2020, it-tnejn li huma xehdu li semgħu il-kliem "*3, 2, 1 Go*" u sussegwentement raw il-vetturi, inkluza dik tal-appellant, itellqu. L-appellant jilmenta li tellieqa tfisser li kien hemm element ta' veloċita', liema element ma ġiex ippruvat. Illi l-Qorti tosserva illi l-Pulizija waqqfu din it-tellieqa milli tilħaq il-quċċata tagħha b'mod tempestiv. Mhux biss iżda il-post fejn l-appellant flimkien ma' sħabu kienu ser jagħmlu din it-tellieqa bil-vetturi tagħhom huwa post minn fejn igħaddu vetturi oħra. Kieku l-vetturi in kwistjoni saqu mill-post fejn kienu ipparkeġġjati bil-kwiet u bil-galbu, ċertament li l-Pulizija ma kinitx ser tikkonkludi mill-investigazzjoni minnha kondotta illi kienet qed isir tellieqa.

Illi l-Qorti tqis li tellieqa b'vettura hija filfatt forma ta' sewqan li tiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Ukoll, sewwieq li volontarjament ikun qed itellaq bil-vettura tiegħu ikun qiegħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu, u dana minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta mhux biss lilu nnifsu, iżda ukoll lil sewwieqa oħra utenti tat-triq, iktar u iktar meta din it-tellieqa tkun ser issir f'post li mhuwiex deżinjat għal dan il-għan.

Għalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija fl-appellant, kemm tas-sewqan traskurat kif ukoll tas-sewqan bla kont u għal dawn il-motivi dan l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

---

[3] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iressaq aggravju sussidjarju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti għall-akkuzi li dwarhom huwa ġie misjub ħati u dan meta jilmenta li l-piena mposta tal-multa ta' €100, flimkien ma'l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan, kienet waħda eċċessiva.

Illi, fir-rigward tal-imposizzjoni tal-multa, din hija piena legalment u raġonevolment valida, mhijiex eċċessiva, u tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Liġi, tant illi tqarreb pjuttost lejn il-minimu u għalhekk ma tezisti l-ebda raġuni għaliex din għandha tiġi varjata, anke għaliex l-appellant ma iressaq ebda raġuni 'il għala l-Qorti għandha tagħmel dan.

Illi, minn naħa l-oħra, dwar it-terminu tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan, il-Qorti taqbel mal-ilment tal-appellant. L-artikolu 15(2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu testwalment: –

> ***(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi <u>traskuraġni kbira</u>*** **(enfazi ta' din il-Qorti)** ***jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.***
> ***(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.***

Illi, ġie stabbilit da parti tal-Ewwel Qorti li l-appellant ma kienx qed isuq b'mod perikoluz u infatti ġie lliberat mill-istess akkuza. Lanqas ma ġie ippruvat li kien qed isuq bi traskuraġni **kbira**, billi, kif ingħad it-tellieqa bejn il-vetturi kienet għadha fl-istadji inizjali tagħha sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tapplika dak dispost fis-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq ċċitat. Il-Qorti għalhekk ser tvarja is-sentenza appellata biss f'dik il-parti li tikkonċerna l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan, b'dan illi din għandha tiġi skwalifikata għal żmien tmint ijiem u mhux tlett xhur.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni mputazzjoni u fejn iddikjarat ir-raba' imputazzjoni preskritta, u**

**ii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuzi dedotti fil-konfront tiegħu; u**

**iii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellant multa ta' €100; u**

**iv) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn imponiet 3 punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-appellant; u**

**v) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn skwalifikat lill-appellant milli iżomm jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien 3 xhur u minflok tordna li l-appellant jiġi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tmint ijiem mid-data ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**